# IL-GAZZETTA TAL-GVERN

## 1813-1840

(MINN ĠUŻÈ GATT)

*(Ara Għadd 55-56 paġ. 26)*

Mal-bidu ta' Ottubru spiċċa wkoll mix-xogħol J. Dixon. Dan siefer għall-Ingilterra fil-5 ta' Ottubru. Il-Gvern tah £30 bi ħlas barrani, barra milli ħallaslu wkoll in-nefqa biex telaq minn hawn. Biex jitwettaq il-ħsieb tat-tneħħija ta' l-Istamperija, Lord John Russell, fid-19 ta' Novembru, bagħat igħarraf lill-Gvern ta' Malta li jista' jitlaq lill-ħaddiema li kellu miegħu. Dan id-dispaċċ wasal Malta fl-14 ta' Diċembru, 1839, u fid-19 ta' l-imsemmi xahar ġew imgħarrfa bih il-ħaddiema ta' l-Istamperija.

Fid-dispaċċ ta' Lord Russell kien hemm kemm kellhom jibqgħu jagħtu ħlas fis-sena għal għomorhom lil xi wħud mill-ħaddiema, u kemm ħlas ta' darba lill-oħrajn. Il-ħaddiema fl-Istamperija kienu dawn:

Ġampatist Gatt—Kellu 51 sena. Daħal jaħdem fl-Istamperija fl-1 ta' Novembru 1798. B'Kompożitur dam sa Mejju 1819. Waqt li kien fl-Istamperija, mill-1 ta' Awissu 1810 sat-30 ta' Ġunju 1814, kien jaħdem ukoll bħala Traduttur u Interpretu tal-Ingliż fil-Qorti Kriminali, bil-ħlas ta' £40 fis-sena. Terġa, fil-Pesta tal-1813-14 kien imqabbad jieħu ħsieb iwassal l-ittri. Ta' dan ix-xogħol kien ħa ħlas barrani. Fl-1 ta' Ġunju 1819 laħaq *Overseer* fl-Istamperija bil-ħlas £50. 15. 0. Messu jieħu £50 kull sena tul għomru.

Karlu di Cristoforo—Kellu 69 sena, 27 minnhom mal-Gvern. Fl-Istamperija kien ilu 20 sena bħala Traduttur tal-Gazzetta bil-ħlas ta' £46. 6. 0. Qabel għamel 5 snin bħala Skrivan fl-Uffizzju tas-Segreterija u sentejn Reporter fil-Qorti Kummerċjali. Kien ħaqqu £25 kull sena għal għomru.

Ġużè Zampa—Kellu 66 sena, 38 minnhom mal-Gvern. Il-ħlas tiegħu, bħala Kompożitur, kien ta' £46. 6. 0 fis-sena. Kien marid ħafna u mhux tajjeb aktar għax-xogħol. Kien ħaqqu li jieħu £30 kull sena għal għomru.

Andrew McKenzie—Kompożitur. Kellu 28 sena. Mal-Gvern kien ilu 14 il-sena u 8 xhur. Ħlas 46. 6. 0 fis-sena. Xi drabi kien jaħdem ukoll ta' Skrivan fl-Uffizzju tal-Istamperija. Messu jieħu £12 fis-sena għal għomru.

Wenzu Ellul—Kompożitur, bil-ħlas ta' £39 fis-sena. Kellu 33 sena. Mal-Gvern għamel 14 il-sena u 9 xhur. Kellu jieħu £39 bi ħlas ta' darba biss.

Gejtu Cordina—Turkolier, bil-ħlas ta' £36. 0 fis-sena. Kellu 47 sena, 37 minnhom mal-Gvern. Kellhom jagħtuh £36 bi ħlas ta' darba biss.

Ġakbu Ellul—Turkolier u Messaġġier. Kellu 74 sena, 26 minnhom mal-Gvern, bi ħlas ta' £36 fis-sena, Fi żmien l-Imblokk tal-1798 għamilha ta' Tenent. Fil-pesta tal-1813 ħadem ta' *Overseer* fl-Isptar ta' wieħed mid-distretti. Kien marid u tista' tgħid, ma jara xejn. Kellu jieħu £20 kull sena għal għomru.

Wiġi Cristiano—Turkolier, bil-ħlas ta' £36 fis-sena. Kellu 53 sena, 36 minnhom mal-Gvern. Kellhom jagħtuh £36 bi ħlas ta' darba biss.

Nazju Salnitro—Turkolier, bil-ħlas ta' 36 fis-sena. Mis-66 sena li kellu, għamel 39 minnhom mal-Gvern. Fl-Istamperija kien ilu 26 sena. Kien suldat tal-Imblokk tal-Franċiżi għal 18 il-xahar. Wara l-waqa tal-Ibliet, għamel 3 snin fl-Ospizju tax-xjuħ bħala Messaġġier, u 9 snin bħala Gwardjan fid-Dipartiment tad-Dazji. Messu jieħu £25 kull sena għal għomru.

Mikiel Ellul—Turkolier. Ħlas £36 fis-sena. Kellu 43 sena, 26 minnhom mal-Gvern. Kellhom jagħtuh £36 għal darba biss.

Lippu Zampa—Turkolier. Ħlas 36 fis-sena. Kellu 33 sena, 13 minnhom mal-Gvern. Messu jieħu £36 ħlas ta' darba biss.

Ġanpatist Loffreda–Kien iqassam il-Gazzetta bil-ħlas ta' £25. 15. 0 fis-sena. Kellu 51 sena. Mal-Gvern għamel 24 minnhom. Qabel ma daħal fl-Istamperija għamel 8 snin u nofs bħala Gwardjan fid-Dipartiment tal-Kwarantina. Kellu jieħu £10 fis-sena tul għomru.

Mill-għadd tal-ħaddiema li f'Diċembru tal-1839 kien fadal fl-Istamperija, jidher, li l-Gvern kien ħa ħsieb inaqqas il-għadd tan-nies li kellu miegħu, żmien qabel ma wasallu d-dispaċċ ta' Lord Russell. Barra minn hekk, ċekken il-Gazzetta u naqqas ukoll mill-ħruġ tagħha. Minn meta il-Gazzetta bdiet tidher bil-liġijiet biss sa l-aħħar tas-sena 1839: jiġifieri mit-22 ta' Marzu sas-27 ta' Diċembru, dehret 27 darba. Dawn, flimkien mal-11 il-ħarġa li għamlet bl-aħbarijiet, jiġi li, ma tul is-sena tal-1839, dehret 38 darba biss. F'dan il-ħruġ li għamlet, fiż-żmien li semmejna, għaqqdet 187 paġna. Iżda dan il-għadd ta' paġni mhux kollu kien fih il-qari. Kienet drawwa, ta' min kien jieħu ħsieb il-ħruġ tal-Gazzetta, li kien igħodd ukoll xi paġni battala meta din bdiet toħroġ bil-liġijiet biss. Niftiehmu sewwa: meta xi paġna minn tal-Gazzetta kien ikun fiha l-qari, ta' warajha, għalkemm tkun battala, tingħadd ukoll; iżda meta sew ta' quddiem, kemm ta' wara, ikunu battala t-tnejn, l-ebda waħda minnhom ma kienet tingħadd.

It-tħabrik kollu li għamel il-Gvern fl-1839 biex ifaddal ħalli jlaħħaq man-nefqa tal-Gazzetta u ż-żamma tal-Istamperija, ma rnexxielux, għax tilef mit-tnejn. Mix-xogħol li fl-1839 sar fl-Istamperija u mill-bejgħ ta' ħwejjeġ stampati, il-Gvern daħħal

£49. 17. 0. Ma' dawn daħħal ukoll, mill-bejgħ tal-Gazzetta u tal-avviżi li dehru fiha, £136 9s u 8½. Mela b'kollox il-Gvern daħħal £186 6 8½. Iżda, għaż-żamma tal-Istamperija u l-ħruġ tal-Gazzetta, ħareġ £591. 9 6. B'hekk, fl-1839, il-Gvern ġie tilef £405 2 9½.

Ma' dħul is-sena tal-1840, il-Gvern ta bidu biex iwettaq il-il-ħsieb tiegħu, li jneħħi l-Istamperija. Għalhekk, l-*Overseer* Ganpatist Gatt, fit-2 ta' Jannar, ġie mqabbad biex jibda jibgħat in-nies minn fuq ix-xogħol. Iżda, sebgħat ijiem wara, raġa' nżamm it-tluq ta' x'uħud mill-ħaddiema tal-Istamperija. U Gatt ġie mġiegħel li jagħżel u jżomm 2 Kompożituri u 3 Turkolieri, jew kemm kien jidhirlu li hu meħtieġ għax-xogħol li jista' jinqala. Terġa, fix-xahar ta' Frar, ġiet miżmuma l-pensjoni li kellhom jagħtu lil Gatt u lil Mackenzie. Lil Gatt bħala li kellu jibqa' jieħu ħsieb tal-Istamperija, għamlulu £6. 5. 0 fix-xahar. Lill-Kompozituri tawhom 2s6d kull jum u lit-Turkolieri 2s.

Fost dawk li ġew mitluqa mill-Istamperija, fl-1 ta' Jannar 1840, spiċċa mix-xogħol Dr. Karlo di Cristoforo, dak li kien jaqleb minn ilsien għal ieħor kull ma kien jidher fil-Gazzetta. Lil dana, mill-ħlas ta' £46. 6 0. li kellu, tawh £17 13 3 fis-sena għal għomru (1).

Bħalma għedna, il-Gvern fl-Istamperija żamm lil x'uħud mill-ħaddiema li kellu miegħu. Dan juri, li l-Gvern kien għad ma sabx jiftiehem biex joħroġ il-Gazzetta tiegħu minn għand ħaddieħor. Fuq hekk, il-Gazzetta baqgħet toħroġ mill-Istamperija tal-Gvern. Iżda l-ħruġ tagħha ma' tul l-1840 naqas bil-bosta, billi f'din is-sena dehret tmintax il-darba biss, u bħalma l-ħruġ tagħha sar ta' ftit għadd, hekk ukoll kien id-dħul li minnha beda jkollu l-Gvern. Fl-1840, mill-bejgħ tal-Gazzetta u mill-avviżi li dehru fiha, il-Gvern daħħal £39.3.3. Iżda, kemm ħareġ ma' tul l-1840, ma nistgħux ingħidu sewwa, billi n-nefqa li l-Gvern għamel għall-Istamperija u l-Gazzetta tiegħu hi migjuba ma' nefqiet oħra kollha flimkien.

* * *

Konna għedna li bi ħsiebna nwasslu ġrajjiet il-Gazzetta tal-Gvern sal-1840. Għalhekk il-lum li dehrilna li ġie mwettaq dak kollu li wegħedna, sa nieqfu hawn u nagħalqu l-kitba tagħna. U dan sa nagħmluh bil-ħsieb u t-tama, li, il-quddiem, inkunu nistgħu nwasslu sa żmienna din il-ġrajja fuq il-Gazzetta tal-Gvern.

(1) Fl-1841 miet Ġalanton Micallef, li kien surmast tal-Ilsien Taljan fil-Liceo. Floku laħaq Dr. Karlo di Cristoforo. Minn dan ix-xogħol spiċċa fl-1850, billi ħa l-pensjoni. Miet fl-14 ta' Settembru, 1851, meta laħaq it-83 sena. Ġie midfun il-Belt, fil-Knisja ta' Ġieżu.